VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 366 tal-2010

ATT DWAR L-ARMI
(KAP. 480)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra, hawn iżjed 'il quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 480.01.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Marki.

7A. (1) Kull arma tan-nar mmuntata manifatturata jew mqiegħda fuq is-suq f'Malta fi, jew wara t-28 ta' Lulju 2010 għandha tkun mmarkata b'mod uniku, inkluż l-isem tal-manifattur, il-pajjiż jew post tal-manifattura, n-numru ta' serje u s-sena tal-manifattura, jekk din ma tkunx parti min-numru ta' serje:

Iżda l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għal armi artistiċi, storiċi jew rari manifatturati jew mqiegħda fuq is-suq f'Malta fi, jew wara t-28 ta' Lulju 2010 għal finijiet ta' kollezzjoni.

(2) L-immarkar għandu jkun mwaħħal mal-mekkaniżmu li jagħlaq il-kulatta fuq wara, ir-rukkell u l-kanna tal-arma tan-nar, il-qerda ta' liema tkun tirrendi l-arma tan-nar inutilizzabbli.

(3) Kull pakkett ta' munizzjon komplet manifatturat jew mqiegħed fuq is-suq f'Malta għandu jkun immarkat bl-isem tal-manifattur, in-numru ta' identifikazzjoni tal-lott, il-kalibru u t-tip ta' munizzjon.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-armi tan-nar trasferiti mill-ħażna tal-Gvern għal użu ċivili għandhom jiġu mmarkati bl-isem tal-entità li tittrasferixxi, MPF MT, għal armi trasferiti mill-Korp tal-Pulizija, u AFM MT, għal armi trasferiti mill-Forzi Armati ta' Malta. Is-sena tat-trasferiment tal-armi tan-nar mill-użu tal-Gvern għal dak ċivili għandu wkoll jiġi mmarkat:

Iżda l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għal armi artistiċi, storiċi jew rari għal finijiet ta' kollezzjoni.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-kliem "jew kaċċa" fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "jew prova oħra tal-attivitajiet tagħhom ta' kaċċa jew sparar bi preċiżjoni fil-mira f'Malta:".